ITTRI LILL-EDITUR

A

# Il-Jum Nazzjonali ta' Malta

Sur Editur,

Naqbel perfettament mal-Kap tal-Oppożizzjoni, li għandna niddiskutu bl-irġulija u l-onestà kollha, li Malta għandu jkollha Jum Nazzjonali wieħed biss u mhux aktar ħamsa.

Qatt mhu tard, imma l-Partit Nazzjonalista ilu sa mis-sena 1971 jilmenta u jipprotesta dwar l-użu ħażin tal-Jum Nazzjonali tagħna mill-MLP (1971-1988). Kienu neħħewlna l-21 ta' Settembru, u sena wara l-oħra kienu għamlu froġa mill-Jum Nazjonali, li suppost kellu jkun u għandu jkun jum ta' għaqda nazzjonali.

Reġgħu deffsu t-8 ta' Settembru bħala Jum Nazzjonali u aktar tard fis-snin, konvenjentement inqdejna bis-7 ta' Ġunju, li kien ilu minsi għal aktar minn 50 sena. Kellna taħwida sħiħa bejn festi nazzjonali u festi pubbliċi.

Ġiet 'ir-Repubblika' b'konsegwenza diretta tal-Indipendenza u 'Jum il-Ħelsien' b'konsegwenza diretta tat-Trattat ta' Difiża tal-1964. Ġebbidna u ċekkinna dawn il-festi u għamilna minnhom teatrin. Ma nistgħux nibqgħu sejrin hekk, qisna tfal tal-iskola. Il-politiċi Maltin ħadu wisq żmien biex tawna riżultat aċċettabbli minn kulħadd.

Jekk il-PN ikun fil-gvern, jagħtina *prima classi* bħala Jum Nazzjonali, il-21 ta' Settembru, Jum l-Indipendenza ta' Malta. Jekk il-MLP ikun fil-gvern jagħtina l-istess bit-13 ta' Diċembru u bil-31 ta' Marzu u ma jimpurtahx li l-festi nazzjonali l-oħra jkunu tas-*seconda classi.* U, sadattant, dan kollu jibqa' jkun alternat.

Irnexxielna nżidu d-doża fil-kultura tal-pika u l-inkejja. U b'danakollu, il-poplu tagħna baqa' ma kabbarx l-edukazzjoni politika u ċivika tiegħu. B'din l-imġiba negattiva u kattiva ta' ċerti politiċi ma nistgħux nikbru u l-firda tibqa'.

Nissuġġerixxi, għalhekk, biex forsi noħorġu minn dan l-isqaq, illi l-politiċi Maltin – Gvern u Oppożizzjoni – b'sens kbir ta' responsabbiltà u maturità politika, jiftiehmu, almenu għal darba, li l-każ tal-għażla tal-Jum Nazzjonali ta' Malta – wieħed – għandu jitħalla u jkun deċiż mill-istoriċi u l-intellettwali tekniċi Maltin.

Biex wara li jintgħażlu għaxar personalitajiet tekniċi minn kull partit fil-Parlament, u taħt il-presidenza tal-*Ombudsman*, jagħtuna jum nazzjonali wieħed. U dan ikun *entrenched* fil-Kostituzzjoni ta' Malta u bi btala pubblika.

Nissuġġerixxi wkoll, li l-erbat ijiem l-oħra li ma jintgħażlux (minn ħamsa attwalment nazzjonali) flimkien mal-Ewwel ta' Mejju, bħala Jum il-Ħaddiem u Jum Malta fl-Ewropa, u l-bqija tat-tmien festi l-oħra pubbliċi, ikunu meqjusin kollha bħala "jiem ta' btala pubblika". Ifisser, Jum Nazzjonali wieħed u tlettax-il festa pubblika.

Jalla l-istoriċi u l-intellettwali Maltin flimkien mal-irġulija u l-integrità tal-*Ombudsman* joħorġuna bl-unuri b'ġieh u b'risq Malta tagħna.

Sadattant nawgura mill-qalb li ż-żewġ partiti politiċi u l-parlamentari tagħna jaslu għal ftehim ġust għal kulħadd qabel ma nirrikorru għand it-tekniċi tagħna.

**WALTER CAMILLERI**
*Santa Venera*

ikkoreġejt il-fehma tiegħi. Ara B C u D annessi
30/08/2019

IL-MUMENT: 6 ta' Jannar 2013 p.16



# Dwar il-Jiem Nazzjonali ta' Malta

Sur Editur,

Fit-12 ta' Diċembru 2012, il-President ta' Malta, l-Eċċellenza Tiegħu Dr. George Abela, b'sens ta' dmir u għaqda nazzjonali, issuġġerixxa, li f'Malta ma għandniex nibqgħu b'ħames jiem ta' festi nazzjonali, imma bi tnejn.

Dawk suġġeriti mill-President ta' Malta huma: il-21 ta' Settembru (Jum l-Indipendenza) u t-13 ta' Diċembru (Jum ir-Repubblika).

Dwar dan is-suġġett jien personalment kont issuġġerejt (*fil-mument,* tad-19 ta' April 2009) li għandu jkollna jum wieħed ta' portata nazzjonali u ma għandniex nibqgħu nżidu d-doża fil-kultura tal-pika u l-inkejja min-naħa tal-partiti politiċi.

Kont żidt nissuġġerixxi li, fl-estrem, jekk il-Parlament ma jasalx, il-partiti politiċi għandhom jaqblu li jħallu lill-istoriċi u lill-intellettwali tekniċi Maltin biex jiddeċiedu huma, taħt il-presidenza tal-*Ombudsman,* il-Jum Nazzjonali ta' Malta.

Sena wara sena ma sar l-ebda progress dwar dan! Issa għandna suġġeriment ta' valur mill-ogħla kariga kostituzzjonali tal-pajjiż wisq rispettabbli. Iżda, f'din l-okkażjoni, ma nistax ma naġġornax ruħi u ma nirrivedix is-suġġeriment tiegħi ġa msemmi, ġaladarba, issa, qed jissemmew żewġ jiem-festi nazzjonali b'togħma politika.

Is-suġġeriment tiegħi, issa hu dan. Ġaladarba issa għandna suġġerimenti għal żewġ jiem festi nazzjonali, bl-umiltà kollha nissuġġerixxi t-tielet jum, biex il-kwadru kollu jkun aktar f'sikktu u komplet.

Nissuġġerixxi għalhekk, l-10 ta' Frar, festa u solennità ta' San Pawl Nawfragu, fit-tifkira glorjuża ta' elfejn sena ilu, meta l-Maltin u l-Għawdxin antenati tagħna kienu tgħammdu u ħaddnu l-Kelma ta' Alla... u permezz tal-Appostlu Missierna San Pawl, patrun u protettur speċjali ta' Malta u Għawdex. U dan b'żieda mas-suġġerimenti tal-President ta' Malta.

Kien minn hawn li konna tlaqna, A.D. 60, biex wasalna fejn wasalna. X'irid minna l-Mulej issa u 'l quddiem, Alla waħdu jafu. L-istorja dejjem għallmet li fil-ħwejjeġ iż-żgħar tidher id-dija u l-id tal-Mulej!

Qegħdin f'kampanja elettorali. Għandhom it-tliet partiti politiċi jaċċettaw dawn it-tlett ijiem ta' sentimenti l-aktar għeżież għall-poplu, bħala tliet festi nazzjonali? Ma ninsewx illi l-10 ta' Frar hu l-Jum tal-Magħmudija tagħna Maltin u Għawdxin.

Anki hawn trid tidher l-id ta' Alla

**WALTER CAMILLERI**
*Santa Venera*

# Jum nazzjonali wieħed jew tlieta?

Sur Editur,

Jekk jogħġbok, ippermettili nikteb b'riferenza għall-ittra ta' Mario Gauci (ir-Rabat) bit-titlu *Jum nazzjonali wieħed, il-mument*, 16 ta' Ġunju, 2013 pġ.17. Inċidentalment, din l-ittra ta' Mario Gauci kienet dehret fl-istess paġna fejn kienet dehret ittra tiegħi, *L-Innu Nazzjonali ta' Malta*.

Dwar il-Jum Nazzjonali ta' Malta ili nikteb mis-sena 1981 u anki qabel f'bosta gazzetti. Saħansitra ktibt lill-Gvern, jew lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru fis-sena 2000 dwar tliet simboli Maltin li għandhom ikunu aktar protetti.

Appuntu dwar is-suġġett tal-lum, l-aħħar li ktibt (*il-mument*, 6 ta' Jannar 2013) kont ħadt spunt minn kelmet il-President ta' Malta, li kien wera x-xewqa li filwaqt li nnaqqsu l-jiem tal-festi nazzjonali, minn ħamsa nżommu biss tnejn, il-21 ta' Settembru u t-13 ta' Diċembru.

Kien hawn li kont issuġġerejt it-tielet jum, dak tal-10 ta' Frar, il-festa ta' San Pawl Nawfragu, patrun u protettur speċjali ta' Malta u Għawdex u tant ieħor Appostlu ta' Malta. Kien minn dan l-avveniment eċċezzjonali AD 60 li konna tlaqna biex wasalna fejn ninsabu llum.

Lil Mario Gauci ma nafux. Napprezza li sostanzjalment qabel miegħi u ma' Malta Kattolika. Hi verità li din il-ġrajja storika Pawlina tagħna l-Maltin, tafha d-dinja kollha għax hi reġistrata fl-Atti tal-Appostli mill-Kotba Mqaddsa. Mario Gauci għamel sew li enfasizza dan il-punt.

Dwar il-jum jew jiem nazzjonali ta' Malta kitbu bosta. Is-suġġett ilu li sar ballun politiku.

Issa, il-President ta' Malta qed jirrakkomanda żewġ festi (jiem) nazzjonali kif ġa rajna. Jidher li l-Prim Ministru qed juri li qed jaqbel mal-President ta' Malta. Jidher ukoll, li l-Kap tal-Oppożizzjoni mhux qed joġġezzjona.

Ma jidhirlix li għandu jkun hemm oġġezzjoni għat-tielet jum nazzjonali, dak tal-10 ta' Frar — Il-Magħmudija ta' Malta u Għawdex fi Kristu permezz tal-Appostlu Missierna San Pawl. Qed nirrakkomanda li dan il-jum ikun sempliċement elevat għal grad għoli ta' jum nazzjonali, billi ġa hu btala pubblika u lill-ekonomija ta' Malta mhu se jeffettwaha xejn.

Minn ħames festi nazzjonali attwali *in vigore* ma għandniex waħda ta' portata djoċesana u reliġjuża! Il-ħamsa li huma għandhom rabta purament politika. Il-każ tat-8 ta' Settembru hu xi ftit differenti.

Din il-festa tfakkar biss iż-żewġ Assedji Kbar li kellna u l-vittmi tagħhom, dak tas-sena 1565 u l-ieħor tas-snin 1941-1943. Għalhekk din il-festa ngħidulha tal-Vittorja, ossija, rebħ fuq l-għadu u ma għandha x'taqsam xejn mal-qima u d-devozzjoni tagħna lejn Marija Bambina, jew lejn il-Madonna fit-twelid tagħha.

Bi tliet festi nazzjonali: 10 ta' Frar, 21 ta' Settembru, u 13 ta' Diċembru, inkunu mmaturajna xorta waħda. Jalla li l-President ta' Malta, il-Prim Ministru, il-Kap tal-Oppożizzjoni u l-Kumiat li se jiddiskuti dan kollu jifhmu u jaċċettaw dan is-suġġeriment umli tiegħi favur festa nazzjonali oħra b'risq l-Appostlu Missierna San Pawl, nhar l-10 ta' Frar.

**Walter Camilleri**
*Santa Venera*

2016

7 ta' Frar 2016: IL-MUMENT p.25



# Il-Kostituzzjoni l-ġdida u l-10 ta' Frar

Milli jidher, l-emendi kostituzzjonali qegħdin fil-qrib. Mhux se nidħol f'dettalji politiċi u tekniċi għax nies bravi għandna għal dan. Iżda jidhirli li ma għandniex inħallu barra mill-kostituzzjoni friska li se jkollna.

A. Dettalji aktar serji u aġġoranti fuq il-bandiera nazzjonali ta' Malta u l-Innu Nazzjonali ta' Malta.

Fuq dawn iż-żewġ punti għandu jkollna żewġ liġijiet separati *ad hoc* b'aktar dettalji billi niġbru flimkien dak it-tagħrif u liġijiet imferxin u f'liġi waħda għal kull suġġett.

B. Il-jiem tal-festi nazzjonali għandhom ikunu *entrinched* fil-Kostituzzjoni – 21 ta' Settembru u 13 ta' Diċembru – u magħhom l-10 ta' Frar, nhar il-magħmudija fi Kristu tagħna Maltin u Għawdxin mill-Appostlu Missierna San Pawl.

Dwar dan kollu diġà ktibt kemm-il darba u anki lill-awtoritajiet kollha ċivili ta' Malta. Ma ninsewx, li l-10 ta' Frar hi l-akbar ġrajja fl-istorja ta' Malta.

L-10 ta' Frar hi btala pubblika u mhu se tagħmel l-ebda differenza jekk issir festa nazzjonali bi btala pubblika bla parati u bla riċevimenti!

Biżżejjed ftit fjuri mill-qalb fuq il-monument ta' Kristu Sultan tal-Furjana.

**Walter Camilleri**
Santa Venera

# Minn ħila għal oħra!

Id-deputat mexxej tal-Partit Laburista l-avukat Toni Abela meta Louis Galea kien laħaq Awditur tal-Qorti Ewropea kien qal li safejn jaf hu Louis Galea kien avukat mhux *accountant*.

Ara hu l-avukat Abela jifhem f'kollox u jikkummenta u jagħti pariri fuq kollox. Forsi l-Partit Laburista hekk kif jispiċċa mill-kariga Louis Galea jagħmel l-istess u jinnomina xi avukat forsi lil Manuel Mallia!

Iżda nkomplu fuq Toni Abela u l-kapaċitajiet kbar tiegħu. Per eżempju hu konsulent tal-gvern tiegħu dwar it-traffiku, konsulent dwar it-tiftix għaż-żejt u konsulent dwar il-faqar. Setturi li f'kollha kemm huma għandna falliment.

F'ħaġa waħda żgur kapaċi Toni Abela jiġifieri f'kemm jgħid biex jiskolpa l-gvern tiegħu minn dak li qiegħed fuq fomm kulħadd!

**G. Grima**
Il-Ħamrun

# Il-qligħ mill-fjuwils

Nhar il-Ġimgħa 22 ta' Jannar 2016 Konrad Mizzi l-Ministru tal-Enerġija ħabbar li l-prezz tal-fjuwils f'Malta kien se jibqa' bil-prezz għoli sa April li ġej. Hu qal ukoll li ma kienx ġust li jiżvela b'kemm kien se jonqos il-fjuwil għax l-Enemed għandha l-kompetizzjoni.

Mela qegħdin f'sitwazzjoni fejn il-Gvern Laburista; l-ewwel li jagħmel jipproteġi l-



Disa' ġimgħat oħra bi ħlasi
għolja għall-fjuwil

interessi kummerċjali bla ı jkun trasparenti, b'detrime għall-konsumatur hekk kif sewwieqa se jibqgħu jiġu misruqa għal għaxar ġimgħ oħra.

Kompetizzjoni minn mir Mela hawn ħaddieħor li qe jaqla' l-miljuni ta' ewro permezz ta' prezzijiet miżmumin għoljin artifiċjalment? Il-gvern jist jgħid li l-qligħ li qed isir b' mod jerġa' jingħata lill-pop iżda l-qligħ li jsir mill-priva jinżamm biex jitgawda mill ftit.

Niftakar li s-sena li għaddiet kien hemm sid ta pompa fir-Rabat li raħħas unilateralment il-prezz tad diesel iżda qabżu fuqu u k sfurzat jerġa' jogħllihom b ta' ħaddieħor.

Jekk qed jiġri li hawn l-privat li qed japprofitta ruħu minn din is-sitwazzjoni ta' prezzijiet għoljin għax il-politika tal-gvern hi li l-*fuel* jinbigħ bil-għoli dan ma hu xejn għajr sfruttament. L-awtorità tar-Riżorsi ma tgħid xejn?

**Octane**
In-Naxxar